28.4.2021

B9-0239/2021 }
B9-0240/2021 }
B9-0241/2021 }
B9-0242/2021 }
B9-0243/2021 } RC1/Em. 1

**Emenda 1**
**Miguel Urbán Crespo, Marc Botenga**
f'isem l-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE, ECR**
Is-sitwazzjoni tal-pandemija tal-COVID-19 fl-Amerka Latina

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jirtiraw l-ostakli kollha biex il-vaċċini jsiru beni pubbliċi, inklużi d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali; jitlob lill-UE tappoġġja s-C-TAP (Pul ta' Aċċess għat-Teknoloġija tal-COVID-19) u tippromwovi liċenzji miftuħa u mhux esklużivi li jinkludu t-trasferiment tat-teknoloġija biex jiġi żgurat li l-prodott ikun disponibbli, aċċessibbli u affordabbli għall-akbar numru possibbli ta' persuni;*** |

Or. en

28.4.2021

B9-0239/2021 }
B9-0240/2021 }
B9-0241/2021 }
B9-0242/2021 }
B9-0243/2021 } RC1/Em. 2

**Emenda 2**
**Miguel Urbán Crespo**
f'isem l-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE, ECR**
Is-sitwazzjoni tal-pandemija tal-COVID-19 fl-Amerka Latina

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 11a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***11a. Jenfasizza li l-bijodiversità qed tonqos fir-reġjun u globalment b'rati bla preċedent fl-istorja tal-bniedem u jfakkar li l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa rrappurtat li t-telf tal-bijodiversità, l-aktar minħabba d-deforestazzjoni, huwa mutur ta' patoġeni żoonotiċi bħall-COVID-19; Jiddenunzja l-fatt li l-konsum tal-UE jirrappreżenta madwar 10 % tas-sehem globali tad-deforestazzjoni, minħabba li tiddependi ħafna mill-importazzjoni ta' komoditajiet agrikoli bħaż-żejt tal-palm, il-laħam, is-sojja, il-kawkaw, il-qamħirrum, l-injam u l-gomma; jistieden lill-UE twaqqaf l-importazzjoni ta' oġġetti, inklużi prodotti agrikoli u minerali, meta l-estrazzjoni jew il-produzzjoni tagħhom tikkawża l-qerda jew id-degradazzjoni tal-bijodiversità; iħeġġeġ lill-UE biex ma tinnegozjax u/jew ma tirratifikax ftehimiet kummerċjali li jistgħu jżidu d-deforestazzjoni*** |

Or. en